# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 78

13 ta' Marzu, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.42 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattiċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

**Aġenda Nru. 78**

78.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 77 – 8;
78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
78.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
78.5 Bye-Law tal-2016 dwar Attivitajiet fil-Beraħ;
78.6 Ir-Rapport tal-aġġudikazzjoni mill-bord ta’ Tender: SNTLC 01/2017 Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta’ Sannat with a pattern monolithic Concrete System;
78.7 Ħatra tal-bordijiet għall-aġġudikazzjoni ta’ Tenders: SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta’ Lulju and major patching works at Triq Ta’ Saguna, Ta’ Sannat with hot rolled Asphalt, SNTLC 02/2018 Service of Urban Street sweeping and cleaning in Ta’ Sannat, SNTLC 03/2018 Construction of Pavements in Ta’ Sannat;
78.8 Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat 2018;
78.9 Gozo Alive – MGOZ;
78.10 Urban Green Project;
78.11 Proġett soċjali u ambjentali fil-qasam tal-Enerġija;
78.12 Ilmenti u Suġġerimenti;
78.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 3/2018;
78.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

78.1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill u qal li l-Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ bgħatitlu messaġġ permezz tal-mowbajl li ma setgħetx tattendi fil-ħin għal din il-laqgħa peress li se tkun għada l-iskola.

## 78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

78.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru 77 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 78.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

78.3.1 Is-Sindku qal li l-Karnival ta' din is-sena ma ħassx li kien suċċess, dan peress li ma kienx hemm attendenza numeruża bħas-soltu mill-pubbliku għalhemm l-programm ta din l-attivita' kien wieħed tajjeb. Il-Kunsillieri qalu li dakinhar kien ħafna ksieħ ukoll.

78.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Ħarġa għal Malta msemmijha fil-laqgħa preċednti ser issir nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2018 u l-programm ser ikun hekk; tluq minn Ta' Sannat fis-6.45 a.m. biex nitilqu mall-vapur tas-7.30 a.m., żjara wirja tal-Ġimgħa Maqaddsa fil-Mosta, il-monti tal-Mosta, Dar il-Mediterran għall-konferenzi, St James Cavalier u s-Suq tal-Belt Valletta. Dawk li se jattendu jiġu lura mall-vapur tal-5.15 p.m.

78.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu 2018, fi Triq tal-Gruwa, fis-7.00 p.m. se jitella' d-Dramm Bibbliku bl-isem 'Id-Dawl tal-Fidwa' fuq kitba ta' Sunny Scicluna, disinn tal-Produzzjoni ta' Noel Debono u direzzjoni Artistika ta' George Mizzi mtella' mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Drammatika Sannat. Hu qal li saret talba lill-Ministeru għal Għawdex għal għajnuna finanzjarja għal din l-attivita' fejn ġie nfurmat li ser tingħata għajnuna ta' €2000 mill-EcoGozo.

78.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-iskema u l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar restawr ta' postijiet storiċi mill-EcoGozo Regional Development Directorat fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, il-Kunsill ibbenefika l-ammont ta' €4141.80ċ biex jiġi rrestawrat il-monument ta' Mro. Vincenzo Caruana Spiteri li jinsab fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri. Dwar dan għandu jiġi ffirmat kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv diġa tkellem mas-Sur Aaron Camilleri Cauchi li kien ta' stima għal dan ix-xogħol biex fl-ewwel ġimgħa ta' April 2018 dejjem jekk it-temp jippermetti jibda dan ix-xogħol ta' restawr fuq dan il-monument li kien sar minn missieru. Is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill applika wkoll biex tiġi rrestawrata l-funtana, il-Kunsill fuq din ma bbenefikax għalhekk ser issir talba biex din il-pjazzetta tiġi upgraded bil-bankini ġodda u fanali dekorattivi bil-fondi tal-Urban Improvement Funds. Il-Kunsill kien talab ukoll lid-Dipartiment tal-Artijiet biex ikun jista jsir dan.

78.3.5 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn xi ndividwi li fis-sajf jiffrekwentaw il-bajja ta' Mġarr ix-Xini biex jiġu nstallati aktar mwejjed bil-bankijiet bħal dawk diġa nstallati. Dan sabiex ikun hemm aktar fejn wieħed ikun jista jirrikreja ruħu. Il-Kunsillier Bajada semma' li l-moll f'din il-bajja huwa perikoluż u wisq jibża li jista jaqa' peress li hu maqsum kollu, għalhekk talab biex niktbu

lill-Transport Malta dwar dan. Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv diġa nfurmaw lill-Perit dwar dan.

## 78.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

78.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ħatra tad-Deputat Segretarju tas-Sur Ivan Attard fi ħdan il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ġiet approvata b'effet mis-16 ta' Frar 2018.

78.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dwar il-vakanza għal post ta' skrivan/a back to back mill-lista ta' Part 1 mill-Jobplus l-applikazzjon għalqet nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018 u minn din il-lista applikaw tnejn biss. Għalhekk hu talab biex isiru l-interviews lil dawn li applikaw mill-bord kompost. Il-Kunsill qabel li l-bord għandu jappunta ġurnata u l-ħin meta ser isiru dawn l-interviews.

78.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ntalab il-permess permezz ta' RWP3-1333/18 biex jitwaħħlu żewġ arbli ġodda mill-korporazzjoni EneMalta mill-Kuntattur P & J Debono Construction fi Triq Skerla dan wara li l-Kunsill kien talab biex jitneħħa arblu li kien jinsab l-barra minn binja ġdida ta' blokka appartamenti tal-kumpanija Karkanja Ltd. Sadanittant il-Kunsill beda jirċievi lmenti mingħand individwi li xtraw appartament minn din il-blokka u li għadhom mhux residenti hawn fejn qalu li ma jaqblux li dawn l-arbli jeħlu faċċata ta din il-blokka. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dawn l-ilmenti hu nforma bihom lill-Inġinier tal-EneMalta. Il-Kunsill qal li dwar dan hi l-korporazzjoni li taf x'inhu l-aħjar li jsir u mhux il-Kunsill.

78.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu attenda għal seminar informattiv bl-isem EU funds: The Gozitan Experience organizzat mill-MEUSAC u s-Segretarju Parlamentari għal fondi ewropej u Dialogu Soċjali. Dan sar nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018, fl-Univerista ta' Malta fix-Xewkija Għawdex.

78.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ntalbet stima biex jiġu ordnati l-interpretation panels fil-Ġnien tal-Bidwi peress li dawk li hemm spiċċaw bl-elementi naturali.

78.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nfoma lill-Kunsill li l-bilanċ fil-kont tal-Urban Improvement Fund – Awtorita' tal-Ippjanar bħalissa hu ta' €55102.40ċ.

78.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u li din ġew iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

| | |
|---|---|
| Ċirkulari - SPI | |
| Nru. 2/2018 | Il-Lok, l-Accessibilita' u t-Taħriġ dwar l-Automated External Defribillators (AEDs) |

## 78.5 Bye-Law tal-2016 dwar Attivitajiet fil-Beraħ

78.5.1 Is-Sindku qal li l-Bye Law tal-2016 dwar Attivitajiet fil-Beraħ u c-check list intbgħatet lill-Avukat tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali u kien imiss li l-Kunsill jinforma l-pubbliku billi javża li fil-Kunsill Lokali hemm din il-Bye-Law għal min tinteressaħ. L-avviż ġie ppublikata fuq 4 gazzetti lokali, 2 bl-Ingliż u 2 bil-Malti nhar il-Ħamis 15 ta' Frar 2018 u fuq il-Gazzetta tal-Gvern nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018. Din il-kopja kienet disponibbli fl-uffiċju tal-Kunsill sa nhar il-Ġimgħa 9 ta' Marzu 2018. Ħadd mill-pubbliku ma talab biex jara din il-Bye-Law. Hu qal li ssa dan il-proċess sar u peress li din diġa kienet ġiet spjegata mill-Avukat mqabbad mill-Kunsill, se ninfurmaw lid-Dipartiment biex imexxi għal proċess li jmiss biex din tkun fis-seħħ. Il-Kunsill

approva dan.

## 78.6 Ir-Rapport tal-aġġudikazzjoni mill-bord ta' Tender: SNTLC 01/2017 Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta' Sannat with a pattern monolithic Concrete System

78.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li r-rapport mill-bord tal-aġġudikazzjoni għal **Tender:** SNTLC 01/2017 Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta' Sannat with a pattern monolithic Concrete System ġie ffinalizżat u skond dan il-bord deher li l-irħas offerta hi dik ta' Peter Paul Said, il-Kunsill qed jaqbel ma dan il-bord u għalhekk din l-offerta ser tingħata lis-Sur Said. Sadanittant il-Kunsill kien talab lil Korporazzjoni tal-Ilma biex naraw x'ser tkun l-istima tax-xogħolijiet li jrid iħallas għalihom il-Kunsill biex b'hekk issir it-talba lill-U.I.F. (Awtorita' tal-Ippjanar) biex jitlob il-fondi tal-ammont globali. Il-Kunsill irċieva din l-istima mingħand il-Korporazzjoni nhar il-Ġimgħa li għaddiet. Issa l-Kunsill se jibgħat dan l-ammont lil U.I.F. biex japplika għal dawn il-fondi u se jgħamel minn kollox biex ikollu dan u jibda x-xogħol fuq din it-triq.

## 78.7 Ħatra tal-bordijiet għall-aġġudikazzjoni ta' Tenders: SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna, Ta' Sannat with hot rolled Asphalt, SNTLC 02/2018 Service of Urban Street sweeping and cleaning in Ta' Sannat, SNTLC 03/2018 Construction of Pavements in Ta' Sannat

78.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex jinħatru bordijiet għal aġġudikazzjoni apposta għal dawn l-offerti:
SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna, Ta' Sannat with hot rolled Asphalt. Il-Bord ser ikun kompost mis-Sindku bħala Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju tal-Bord u minn dawn il-membri Dr Larry Formosa, Perit Gordon Vella u l-Accountant Pauliana Said,
SNTLC 02/2018 Service of Urban Street sweeping and cleaning in Ta' Sannat. Il-Bord ser ikun kompost mis-Sindku bħala Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju tal-Bord u minn dawn il-membri Dr Larry Formosa, l-Accountant Pauliana Said u s-Sur William Sultana.
SNTLC 03/2018 Construction of Pavements in Ta' Sannat. Il-Bord ser ikun kompost mis-Sindku bħala Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju tal-Bord u minn dawn il-membri Dr Larry Formosa, l-Accountant Pauliana u l-Perit Gordon Vella.

## 78.8 Jum Sannat – Premju Ġieh Sannat 2018

78.8.1 Is-Sindku qal li għal Jum Sannat wara li l-Kunsill talab lis-Soċjeta' Mużikali Santa Margerita biex itellgħu programm mużikali għal dan l-avveniment, is-Soċjeta' aċċettat għal prezz ta' elf ewro. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Sindku qal li minn din is-sena jixtieq li jniedi Rikonoxximent liż-Żagħżugħ/a tas-Sena biex isir inċentiv liż-żgħażagħ biex jgħinu, jinpennjaw u jipparteċipaw fl-għaqdiet kostitwiti li hawn fil-lokalita' fil-oqsma kollha fosthom dawk soċjali, sportiv, kulturali, etċ. Għal dan il-għan hu talab li ssir laqgħa apposta mall-għaqdiet kostitwiti tar-raħal biex ikunu huma mall-Kunsill li flimkien jgħinu biex nifformulaw regolamenti stabiliti għal dan ir-rikonoxximent biex naraw minn hu l-aħjar żgħażugħ/a biex jiġi nnominat/a. Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa l-membri tal-Kunsill għandhom kollha jkun preżenti. Il-Kunsill qabel ma dan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-avviż għal Premju Ġieh Sannat u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-Sena, ser jitqassmu mall-Bullettin tal-parroċċa. Il-Kunsill qabel ukoll li l-bord tal-għażla għal dan il-premju u rikonoxximent din is-sena ser ikun kompost mill-membri tal-Kunsill

Lokali stess biex jevalwaw l-aħjar applikazzjoni għal dan il-premju prestiġġjuż f'din il-lokalita' u r-Rikonoxximent Żgħażugħ/a tas-Sena. Il-Kunsill diġa talab l-għajnuna lill-Kap tal-iskola primarja għall-użu tas-sala u li din laqgħat it-talba tagħna. Bħas-snin l-imgħoddija wara din is-serata ser jsir riċeviment żgħir.

## 78.9 Gozo Alive – MGOZ

78.9.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejl mill-Ministeru għal Għawdex fejn qed jippjanaw li jorganizzaw attivita' kulturali bl-isem 'Gozo Alive' bejn il-Ġimgħa 18, is-Sibt 19 u l-Ħadd 20 ta' Mejju 2018. Is-Sindku ħareġ bil-proposta biex issir il-Car Show li s-soltu ssir b'risq Puttinu Cares nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju 2018 bejn 10.00 a.m. u 1.00 p.m. fil-Pjazza Santa Margerita.

## 78.10 Urban Green Project

78.10.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018, il-Kunsill kien mistieden biex jiġi ffirmat il-Memorandum of Understanding bejn il-Ministeru għall-Ambejnt, Żvillup Sostenibbli u l-Bidla fil-Klima u l-Kunsill. Dan ġie ffirmat f'Casa Leoni, Sta Venera mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku se jiffirmah fil-jiem li ġejjin peress li dakinhar ma setgħax. Il-Kunsill se jibda bil-ħidma tieghu biex nippreparaw il-ħruġ tat-tender għal dan il-proġett ta' tisbieħ fil-lokalita'.

## 78.11 Proġett soċjali u ambjentali fil-qasam tal-Enerġija

78.11.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li waqt li kellu laqgħat f'Ċipru kellu kuntatt ma Kumpanija Taljana minn Bari rigward insallazzjoni ta panelli solari b'xejn għal għaxar snin fuq il-bjut tar-residenzi Ta' Sannat . Din il-kumpanija għandha tiġi Ta' Sannat biex issir diskussjoni fid-dettal dwar dan. Għal dan il-għan is-Sindku qal li l-ewwel għandu jingħata l-parir tal-Avukat biex ikun jista jsir dan. Dan għaliex il-Kunsill se jidħol biss biex jgħin lir-residenti japplikaw ma din il-kumpanija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill għandu jġib ukoll l-approvazzjoni tad-DLG.

## 78.12 Ilmenti u Suġġerimenti

78.12.1 Is-Sindku talab biex tintbgħat imejl fejn nistaqsu lill-uffiċċjali nkarigati mill-intervent li sar fuq is-sigra tal-awrikarja fil-Pjazza Santa Margerita jekk din is-siġra hux qed tieħu saħħitha lura. Dan peress li minn naħa ta' fuq qed turi ndikazzjonijiet li qed tmut peress li qed tinxef.

78.12.2 Is-Sur Derek Vella li joqgħod Triq id-Daħla taċ-Ċnus qed jitlob biex titwaħħal bozza f'din it-triq, peress li qed jgħid li hemm ħafna dlam. Is-Sindku qal li hu tkellem kemm il-darba dwar dan fil-laqgħat tar-Reġjun u li r-Reġjun Għawdex kiteb dwar dan biex il-Kunsilli jkunu jistgħu jgħatu aktar dawl f'zoni fejn hemm id-dlam.

78.12.3 Is-Sur David Demicoli qed jitlob li fil-fetħa ta' Triq Skerla jiġi installat free Wifi. Il-Kunsill għandu jara mall-Malta Communications Authority jekk dan jistax isir. Il-Kunsill għandu jara jekk dan huwiex bil-ħlas.

78.12.4 Is-Sur John Grima ġibed l-attenzjoni li fi Triq Saguna eżatt faċċata ta' Triq it-Tin, qed jgħid li l-aħħar xita li għamlet ħalliet l-effetti tagħha jiġifieri li hemm 2 ħofriet li għar-residenti li joqgħdu fil-H.E. ta' Saguna huma ta' periklu u li dawn jistgħu jikkawżaw ħsarat fil-vetturi tagħhom. Għalhekk qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex dawk iż-żewġ ħofriet jiġu rranġati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn ġew asfaltati wara li l-Kunsill irċieva dan l-ilment, inkluż toroq oħra.

78.12.5 Is-Sur Carmelo Spalding li joqgħod fi Triq Dun Luqa qed jitlob biex issir disabled parking quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan jsir iżda jrid jara fejn l-aħjar li jsir.

78.12.6 Is-Sur Massimo Grima qed jagħmel suġġeriment biex is-substation tal-Enemalta li tinsab fi Triq Ta' Xagħman tiġi rilokata f'post ieħor. Il-Kunsill qal li din hija issue tal-Enemalta u l-Enemalta trid tara fejn din se tiġi rilokata jekk tinqala minn hemm.

78.12.7 Is-Sinjura Mary Haber mill-MGOZ kitbet li daħlulha ħafna lmenti li hemm il-moll ta' Mġarr ix-Xini qiegħed fi stat ħazin u se jaqa' u qalet wkoll li l-Wied ta' Mġarr ix-Xini fih ħafna ċagħaq li tella' l-baħar biex jitnaddaf. Dwar dan l-ilment is-Sindku qal li hu wieġeb lis-Sinjura Haber li l-moll jaqgħa taħt ir-responsabilita ta' Transport Malta u li l-wied kull sena jiġi mnaddaf mit-taqsima tal-Beach Cleaning fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

78.12.8 L-Arċipriet Michael Curmi ġibed l-attenzjoni fuq l-isqaq fi Triq ta' Xamgħan (minn fejn il-Knisja li jieħu għal ħdejn il-MUSEUM), li fih qed isir xi xogħol ta' kostruzzjoni fl-għalqa ta' terzi u li hemm riskju kbir li n-nies jistgħu jaqgħu għal isfel. Għalhekk qed jitlob biex il-ħajt jerġa jinbena qabel ma tiġri xi disgrazzja. Dwar dan l-ilment il-Kunsill ħa azzjoni mill-ewwel u tkellem mall-kuntrattur li qed jibni ma ġenb din it-triq u dan wiegħed li x-xogħol tal-bini ta dan il-ħajt ser isir kif fil-fatt sar.

78.12.8 Ms Maryanne Gauci ta Triq Dun Xand Aquilina qed titlob li ssir disabled parking bay quddiem id-dar tagħha fil-parking li diġa hemm. Il-Kunsill qabel li dan isir fl-aħħar parking bay li hemm f'din it-triq.

78.12.9 Il-Kunsilliera Said talbet biex il-yellow lines li hemm fi Triq il-Kbira fejn toqgħod hi jsir refreshment tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 78.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 3/2018

78.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 3/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill . Kopja ta din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 78.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

78.14.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.50 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 16 ta' April 2018, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 16 ta'April, 2018

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |